MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 76/2007/1

Joseph, Charles u Maryanne
mart Charles, aħwa Buttigieg.

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Joseph, Charles u Maryanne mart Charles Farrugia, aħwa Buttigieg, li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

Illi huma wlied ta' Maria armla ta' Emanuel Buttigieg, bint Victor Mercieca u Marianna nee' Tabone;

Illi fl-Att ta' Twelid numru erba' mija u tmienja u sittin (468) tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) relattiv għat-twelid ta' Maria Buttigieg imwielda Mercieca (dokument A)

hemm żewġ żbalji (i) billi fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Marianna Buhagiar moglie del suddetto" huwa skorrett u jrid jiġi "Marianna Tabone moglie del suddetto" u (ii) fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" l-isem "Giuliano Buhagiar vivo" huwa skorrett u jrid jiġi "Ġiuliano Tabone vivo".

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Maria Buttigieg nee' Mercieca maħruġ mill-Parroċċa Maria Bambina tax-Xagħra, Għawdex u kif ukoll fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Giuliano Tabone maħruġ mir-Reġistru Pubbliku, d-dettalji indikati huma korretti (Dokument B u C).

Illi Maria Buttigieg mietet fit-tnax (12) ta' Frar elfejn u sebgħa (2007).

Illi minħabba l-iżbalji li hemm fiċ-ċertifikat tat-twelid fuq imsemmi, għad ma jistax jiġi rilaxxjat ċertifikat tal-mewt ta' l-istess Maria Buttigieg;

Illi għalhekk ir-rikorrenti jridu li l-Att ta' Twelid ta' Maria Buttigieg nee' Mercieca jiġi korrett.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghġobha :

1. Tiddikjara li l-Att ta' twelid numru erba' mija u tmienja u sittin (468) tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) relattiv għat-twelid ta' Maria Mercieca (Dokument A) fih żewġ żbalji (i) billi fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Marianna Buhagiar moglie del suddetto" huwa skorrett u jrid jiġi "Marianna Tabone moglie del suddetto" u (ii) fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" l-isem "Giuliano Buhagiar vivo" huwa skorrett u jrid jiġi "Giuliano Tabone vivo" .

2. Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "marianna Buhagiar moglie del suddetto" jiġi sostitwit bl-isem "Marianna Tabone moglie del

suddetto" u fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" l-isem "Giuliano Buhagiar vivo", jiġi sostitwit bl-isem "Giuliano Tabone vivo".

Bl-ispejjez.
Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument A, Att tat-twelid ta' Maria Buttigieg nee' Mercieca maħruġ mir-Reġistru Pubbliku; bħala dokument B, Att tat-twelid ta' Maria Buttigieg nee' Mercieca maħruġ mill-Parroċċa tax-Xagħra; u bħala dokument C, Kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Giuliano Tabone maħruġ mir-Reġistru Pubbliku.

Rat ukoll ir-rikors ta' l-atturi tas-sittax (16) ta' Lulju elfejn u sebgħa (2007), li permezz tiegħu talbu li jiġu awtorizzati jipproċedu din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali.

Rat id-degriet tagħha tal-ewwel (1) ta' Awissu, elfejn u sebgħa (2007) fejn laqgħet l-istess talba.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Rabat, Għawdex tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Awissu 2007 illi permezz tagħha hu eċċepixxa illi :

1. Illi huwa filwaqt li huwa konkordi mal-korrezzjonijiet mitluba fir-rikors hawn fuq imsemmi, jirremetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli qorti;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti, għal hekk peress illi jidhrilha illi din it-talba hija ġustifikata, tilqa' l-istess talbiet, U

1 Tiddikjara li l-Att ta' twelid numru erba' mija u tmienja u sittin (468) tas-sena elf disa' mija u erbatax (1914) relattiv għat-twelid ta' Maria Mercieca (Dokument A) fih żewġ żbalji (i) billi fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Marianna Buhagiar moglie del suddetto" huwa skorrett u

jrid jiġi "Marianna Tabone moglie del suddetto"  u (ii) fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" l-isem "Giuliano Buhagiar vivo" huwa skorrett u jrid jiġi "Giuliano Tabone vivo" .

3. Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Marianna Buhagiar moglie del suddetto" jiġi sostitwit bl-isem "Marianna Tabone moglie del suddetto" u fil-parti relattiva għal "l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" l-isem "Giuliano Buhagiar vivo", jiġi sostitwit bl-isem "Giuliano Tabone vivo".

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------